## Uża moħħok fuq l-Internet

Ftakar f'dawn il-ħames pariri SMART meta tkun qed tikkomunika ma' nies li ma tafhomx fuq l-Internet. Għal spjegazzjoni aktar fid-dettal dwar dawn il-pariri żur ***www.kidsmart.org.uk/smart***

**s** — **Safe** Ikollok sigurta' sħiħa meta tkun attent il-ħin kollu u ma tagħti lil ħadd ismek, l-indirizz, in-numru tal-*mobile* tiegħek, isem l-iskola li tattendi jew il-*password* tiegħek meta tkun *online*.

**m** — **Meeting** Li tiltaqa' ma xi ħadd li tkun kkuntattjajt fuq l-Internet jista' jkun perikoluż ħafna. Dil-biċċa xogħol għamilha biss bil-permess tal-ġenituri tiegħek jew ta' min qed jieħu ħsiebek, u qis li jiġu miegħek.

**a** — **Accepting** Jekk taċċetta *emails* jew tiftaħ files ġejjin mingħand nies li ma tafhomx jew li ma tafdax, tista' tidħol f'ħafna inkwiet. Jista' jkun fihom xi viruses jew messaġġi mhux xierqa.

**r** — **Remember** Ftakar dejjem li min hu *online* jista' jkun qed jigdeb u għandu mnejn li mhuwiex il-persuna li qed jippretendi li hu. Jekk tħossok skomdu meta tkun qed tiċċettja jew tibgħat il-messaġġi, aqta' l-kuntatt mill-ewwel.

**t** — **Tell** Informa lill-ġenituri tiegħek jew lil min qed jieħu ħsiebek jekk xi ħadd jew xi ħaġa qed idejquk jew jinkwetawk.



"L-Internet veru tal-ġenn! Tista' ssib informazzjoni fuq x'hiex trid, tikkomunika ma' min trid u tieħu pjaċir. Imma importanti li nużawh tajjeb u nsegwu r-regoli SMART."

Ali & Lis

## Aktar pariri u riżorsi



Il-*website Kidsmart* għandha aktar riżorsi u taħriġ għall-ġenituri, għalliema u tfal, fosthom l-attività "*Net Detectives*".

**www.kidsmart.org.uk**



*Chatdanger.com* - pariri siewja għat-tfal u l-ġenituri dwar kif jużaw iċ-*Chat Rooms* mingħajr perikli.

**www.chatdanger.com**



Is-sit *Cable and Wireless Childnet Awards* għandu vetrina ta' aktar minn 100 proġett interessanti maħluqa minn żgħażagħ u għalliema.

**www.childnetawards.org**



Is-"*Cybercafe*" tal-*Gridclub* jagħti dettalji dwar l-*Internet Proficiency Scheme*, użata l-Ingilterra għall-iskejjel primarji, li wkoll jagħmlu użu mir-regoli SMART.

**www.gridclub.org**



### Fuljett b'xejn għall-ġenituri

Jeżisti fuljett apposta għall-ġenituri.
Dan jista' jinġieb b'xejn billi ċċempel lid-
**Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni**
**Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**
Tel: 2598 2805

Ministeru ta' l-Edukazzjoni

mIT&I

Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Investiment Malta

MEGABYTE total computer solutions & ORACLE

Maltacomgroup

BOV

MALTA POST

# Kid Smart

www.kidsmart.org.uk



# l-Internet tal-ġenn... imma l-ġenituri jafu?

**gwida ta' sigurta' fuq l-internet għat-tfal u ż-żgħażagħ**

## Mhix xi ħaġa kbira

Ngħiduha kif inhi: meta niġu għall-Internet, aħna nafu aktar mill-kbar. Mhix xi ħaġa kbira li aħna nkunu qed nisserfjaw, niċċettjaw, u nibagħtu l-messaġġi lil sħabna fuq il-*mobile*, kollox fl-istess ħin.




Imma mhux biżżejjed li aħna nkunu nafu nużaw din it-teknoloġija, jeħtieġ ukoll nuru lill-ġenituri tagħna u lil min jieħu ħsiebna li aħna SMART kif nużawha u ma' min nagħmlu kuntatt.

## Min int?

Jista' jkun li int taħseb li ltqajt ma' xi ħbieb tal-ġenn fiċ-*chat rooms*, imma kif tista' tkun ċert ma' min qed titkellem?

Tassew, il-persuna tista' tkun minn tagħna u ta' min jafdaha, imma mill-banda l-oħra, tista' tkun qed tqarraq bik.




Jien dejjem ngħid lil ħbiebi biex ma jagħtux ħafna informazzjoni fiċ-*chat profile* tagħhom u biex qatt ma jagħmlu appuntament biex jiltaqgħu ma' min ikunu qed jiċċettjaw. Il-ħbieb li toqgħod tpaċpaċ magħhom fuq l-Internet, ta' min iħallihom fid-dinja virtwali.

## Kun dejjem pożittiv

Il-biċċa xogħol tajba dwar l-Internet hi li dejjem ikollu siti tal-ġenn, ħafna minnhom magħmula minn żgħażagħ. Jekk issib sit li hi tassew meravilja biex jgħinek fil-homework jew fil-passatemp tiegħek, allura għaddih lil ħbiebek.




Materjal bla sugu bħalma huma siti mimlija mibegħda jew pornografija ta' min iħallihom barra mill-ewwel.

Oqgħod b'għajnejk miftuħa beraħ għal dawk is-siti li jitolbuk ħafna dettalji personali. Int qatt ma tkun taf fejn tispiċċa l-informazzjoni li tagħti meta tkun fuq l-Internet.




Għandu mnejn li int taf tuża l-Internet bla periklu, iżda agħmel mill-aħjar li tista' biex tieħu ħsieb lil ħbiebek u 'l ħutek.
Fakkarhom biex joqogħdu dejjem attenti u jżommu f'moħħhom ir-regoli SMART kull meta jkunu qed jikkomunikaw ma' nies la ma jafuhomx.

www.kidsmart.org.uk




## L-użu tal-mobile

Kulħadd qed jibgħatlek il-messaġġi bl-addoċċ, imma jista jagħti l-każ li dawn ma jkunux ħbieb jew nies li taf.
Tagħtix n-numru tal-mobile tiegħek lil xi ħadd li ma tafux, u jekk qatt tibda tirċievi messaġġi offensivi jew li jdejquk, iftaħ qalbek mal-ġenituri tiegħek, ma' l-għalliema tiegħek jew ma' min qed jieħu ħsiebek mill-ewwel.
Meta tkun barra fit-triq, il-mobile żommu moħbi u kun ċert li għandek *PIN* jew numru ieħor ta' sigurtà biex it-telefon tkun tista' titfih.

